MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 347/2012

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Peter Paul Galea**

iben Joseph, imwieled Hamrun fid-29 ta' Gunju, 1973, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 300273(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Peter Paul Galea, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

Talli matul ix-xahar ta' Jannar 2011, minn gewwa l-hanut bl-isem ta' Liberty Bar, sitwat fi Triq Hal-Qormi, gewwa l-Hamrun u minn gewwa r-residenza numru 41, Pjazza Patri Magri, Marsa:-

B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe' kkommetta serq ta' flus, ghad-dannu ta' l-istess sid, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u cioe' li jeccedi €232.94 (mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin

centezmu) u li izda ma jeccedix €2,329.37 (elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu) u dan bi ksur tal-artikolu 18, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B’hekk sar recidiv ai termini ta’ artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Gunju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 31,49, 50, 261, 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni ta’ serq huwa instab hati limitatament in kwantu din l-imputazzjoni tirreferi ghas-serq ta’ flus mill-hanut Liberty Bar, il-Hamrun u ikkundannatu ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Peter Paul Galea minnu pprezentat fit-3 ta’ Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikata, tat-28 ta' Gunju 2012, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma li mhux hati ta' serq ta’ curkett u tilliberah mill-akkuzi l-ohra. F’kaz li l-htija tigi konfermata, taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-Ewwel Qorti strahet totalment fuq zewg xhieda ohra, Patrick O'Toole u Mario Bezzina, li qalu li l-appellant ftahar maghhom li kien qed jisraq xi flus minn fejn Marisa Refalo kienet izzomm kaxxa bi flus wara l-counter tal-Liberty Bar. Mrs. Refalo kienet taghmel karita' ma' l-appellant, peress li kien ghaddej minn mument difficli ghaliex kien ghaddej minn programm ta' riabilitazzjoni. Skont O'Toole u Bezzina qalu li kienu raw lill-appellant jisraq u wara xi zmien kixfu kollox lil Mrs Refalo. L-appellant nnega dan kollu. Jidher car li z-zewg persuni nvoluti mhumiex l-aktar persuni kredibbli li l-Qorti tista' tisrieh fuqhom. Huma stess ghandhom problema serja ta' droga. Barra minn hekk ma qalux lill-Qorti l-quantum tas-serq li allegatament ghamel l-appellant. Nafu biss minn Marisa Refalo li sabet €300 neqsin. Fil-fatt, iz-zewg xhieda kienu jafu li Marisa Refalo kienet izzomm il-flus

go kaxxa fuq xkaffa wara l-bar u il-probabilita' li kellhom kull interess li joskuraw l-appellant, meta huma stess kienu l-hatja tar-reat. Kif kellu interess Francois Ellul li l-appellant seraq curkett meta ma kienx hu.

Illi l-appellant jissottometti li f'kaz li l-appellant jinstab hati, l-piena inflitta mhix ekwa u gusta. Se mai l-appellant huwa hati ta' serq ta' €300, li ssoltu ma jgibx prigunerija ta' 18-il xahar. Minkejja hija entro termini, xorta l-konswetudni hija dik il-piena mhix ekwa mar-reat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995; u

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti. Huwa veru li z-zewg xhieda ndikati mill-appellant jirrizulta li ghandhom problemi ta' droga izda dan ma jaghmilhomx xhieda li jridu jinkriminaw lill-appellant. Jekk ghal grazzja tal-argument dan hu minnu, l-appellant ma ressaq ebda prova, wisq anqas xi argumentazzjoni ta' dan. L-appellant jmur oltre u xehed li dawn ix-xhieda gew imxahhma minn Mary Louise Refalo biex jixhdu kontra l-appellant. Storja nteressanti hafna, meta wiehed jikkunsidra dak li ghamlet din il-persuna u zewgha fil-konfront ta' l-appellant meta kien il-habs. Il-konjugi Refalo kienu jmorru darbtejn fil-gimgha jarawh u jaraw li jkollhu l-bzonnijiet kollha materjali biex ighix decentement. Del resto, ma kien hemm ebda parentela bejniethom u dan kien purament att ta' karita' u solditarjeta' fil-konfront ta' l-appellant.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-hsibijiet espressi mill-ewwel Qorti u gghalhekk fuq l-iskorta tal-provi prodotti dik il-Qorti kienet korretta u waslet ghal komkluzjoni legali u ragonevoli tal-fatti. Tant hu hekk, li ma sabitx l-appellant hati tas-serq tac-curkett ghaliex ma kinitx sodisfatta tal-livell ta' provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

Illi dwar il-piena l-ewwel Qorti kienet fil-paramentri tal-ligi u gghalhekk din il-Qorti ma jidhirlix li ghandha tiddisturba l-piena nflitta.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Peter Paul Galea u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------